MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 101/2005

**Jonathan Muscat**

**vs**

**Anthony u Jane konjugi Caruana f'isimhom propju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Clayton Caruana**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Thallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1400) prezz ossia valur ta' karozza tal-marka Isuzu Gemini u bin-numru tar-registrazzjoni JAD-261 liema vettura hija propjeta' tal-attur u illum hija dikjarata 'totol loss' per konsegwenza tal-fatt li binhom minuri Clayton Caruana habat bl-istess vettura go hajt meta bla

awtorizzazzjoni tal-attur qabad u saq l-istess vettura fil-Qala, Ghawdex.

Bl-ispejjes inkluzi daqk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Settembru 2005 u dik ufficjali tal-istess xahar, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, Anthony u Jane konjugi Caruana f'isimhom propju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Clayton Caruana.

Jecepixxu bir-rispett:

1. Illi l-konvenuti Anthony u Jane konjugi Caruana m'humiex responsabbli ghal ebda danni stante li huma hadu hsieb il-minuri bhala missier tajjeb tal-famija biex il-fatt ma jigrix. (Artikolu 1034 tal-Kodici Civili);
2. Illi l-minuri lanqas ma huwa responsabbli stante li ma mexiex hazin u sqaq il-vettura ghaliex qallu l-istess attur u ghaldaqstant m'huwiex obbligat li jhallas l-ebda hsarat lanqas min hwejgu stess (Artikolu 1035 u Artikolu 1036 tal-Kodici Civili);
3. Illi kien l-istess attur li b'nuqqas ta' diligenza ta' hsieb jew ta' prudenza li ta huwa nnifsu lok ghall-hsara, kif jigi pruvat facilment waqt is-smiegh tal-avviz (Artikolu 1036 tal-istess Kodici ) u ghaldaqstant huwa ghandu jbati l-istess hsara.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-eccezzjoni ulterjuri li permezz taghha l-attur eccepixxa l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal stante li si tratta ta' kollizjoni (sic)

Ikkunsidra

Illi l-kwistjoni f' din il-kawza tinvolvi danni allegatament ikkawzati lill-vettura tal-attur mill-konvenuti *proprio* jew *nomine*. Jidher li din il-kawzali tinkwadra ruhha fir-regolament 1.2(b) tar-Raba Skeda ta' Kap 387 li abbinat

mal-artiklu 15(11) tal-istess Kap ipoggi taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal tal-Arbitragg imwaqqaf taht dak il-kap kull tilwima li torigina minn hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi l-vetturi (fit-test Ingliz: *any involuntary damage to property involving vehicles)*. Il-ligi ghalhekk tpoggi taht il-kappa tat-Tribunal tal-Arbitragg mhux biss kollizjonijiet **bejn** vetturi (regolament 1.2(a) tar-Raba Skeda) imam wkoll hsara li **tinvolvi** l-vetturi. Regolament 1.2(b) jidher li hu wiesa bizzejjed biex jikkomprendi kemm hsara kkawzata **minn** vetturi lil proprjeta' ta' terzi kif ukoll hsara kkawzata **lil** vetturi – bhalma huwa l-kaz prezenti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddikjara li m'huwiex kompetenti li jisma' dan il-kaz. Spejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------